# BEATI U QADDISIN...MEJJU

**SAN INJAZJU MINN LACONI (1701 – 1781)**

**11 TA' MEJJU**

Twieled fit-8 ta' Dicembru tas-sena 1701 fil-villagg ta' Laconi fis-Sardenja. Fi tfulitu habbat wiccu mal-faqar u meta kiber kien jittallab. Missieru kien jismu Mattew Peis u kien it-tieni fost disa' ahwa. Fit-tqala tieghu, ommu ghaddiet minn hafna qtiegh il-qalb u wegheditu lil San Frangisk d'Assisi jekk twelldu haj. L-isem tal-Maghmudija tieghu kien Frangisku Injazju Vincenz, imma f'pajjizu kienu jghajtulu Vicenz.



Tawh edukazzjoni nisranija tajba hafna. Missierhom kien jahdem hafna ghall-familja u l-fidi li biha kien jghix kien ta' ezempju kbir ghal uliedu. Kien imur kuljum il-knisja u ta' kull filghaxija kien jghid ir-ruzarju fil-familja. Ommu kienet tghallmu t-talb u l-katekizmu. Minkejja li sahhtu kienet fragli huwa kien jghin kif jista' halli l-familja timxi 'l quddiem.

In-nies tal-villagg kienu jsejhulu “il-qaddis iz-zghir” ghaliex kienu jarawh jitlob hafna u jsejjah il-knisja bhala d-dar tieghu. Skont xi xiehda kien ihabbar il-futur sa minn eta zghira. Kien jindika lil xi tfal u jghidilhom li huma ser imorru l-genna; u kien jigri li fi ftit jiem kienu jmutu. Meta missieru ma kienx ikollu ikel bizzejjed ghall-haddiema tieghu, Vincenz kien jassigura lil missieru li kien ser ikun hemm bizzejjed ikel u hekk kien isehh, anzi kien jifdal iz-zejjed tant li l-haddiema kienu jgezwru dak li fadal u johduh maghhom id-dar.

Vincenz xtaq jidhol frangiskan u tkellem fil-miftuh fuq hekk ma’ missieru, izda billi dan riedu jghin fix-xoghol qatt ma tah permess. F’zoghzitu Vincenz marad serjament diversi drabi u wieghed lil Alla li jekk ifieq jidhol mal-komunita’ tal-Kappuccini. Izda qatt ma kien izomm kelmtu meta jfieq.

Darba meta kellu 20 sena waqa’ minn fuq iz-ziemel u ma mietx ghall-hniena kbira ta’ Alla. Din id-darba ried izomm kelmtu u ghalhekk flimkien ma’ missieru mar ikellem lill-Provincjal tal-Kappuccini Minuri. Imma meta l-provincjal innota kemm kien dghajjef f’sahhtu Vincenz ma accettahx. Ir-regola tal-Kappuccini kienet iebsa wisq li jsegwiha. Imma kemm il-missier kif ukoll l-iben ma qatghux qalbhom. Talbu lil l-Markiz ta’ Laconi jidhol ghalihom. Vincenz gie accettat u tawh l-isem ta’ Injazju. Huwa beda’ in-novizzjat tieghu fil-kunvent ta’ San Benedittu Abbati.

Matul in-novizzjat tieghu kiber fil-qdusija u virtujiet tas-silenzju, ubbidjenza, umilta’ u atti ta’ imhabba. Kien jersaq imhejji sew lejn is-sagramenti. Ma naqsitx fih id-devozzjoni marjana.

Meta ha l-voti tieghu huwa kien jaqdi d-doveri tieghu ta' kok. Meta darba waqghetlu c-cavetta ta' l-armarju ta' l-ikel fil-bir talab lill-Madona permezz ta' tlett Ave Marijiet nizzel il-barmil fil-bir u tellghu mimli bl-ilma, Hemm kienet ic-cavetta.

Meta temm id-doveri tieghu bhala kok assenjawlu xoghol iehor ta' tallab ghal ikel kemm ghalih kif ukoll ghal shabu. U ghal bqija ta' l-40 sena ta' hajtu  shah kien iterraq jitlob il-karita'.

Biex jikber fil-qdusija kien ihares lejn l-ahwa kappuccini beatifikati u kanonizati. Kien jarahom mudelli ta' hajja spiritwali ghalih.

Minkejja li n-nies bdiet tara fih qaddis miexi fl-art huwa kien jaghraf li hu kien midneb. Kien jirreferi ghalih nnifsu bhala l-kappuccin li ma jiswa' ghal xejn. Meta xi hadd kien jinsultah kien jghid: Fl-ahhar hawn xi hadd gewwa Cagliari li gharaf sew minn jien.

Jirrakontaw bosta mirakli li hu ghamel:

Kien idur fid-djar ta' kulhadd jitlob il-karita' izda fid-dar ta' wiehed li kien isellef il-flus b'imghaxijiet kbar qatt ma dahal, wisq aktar habbat. Meta dan is-sinjur induna, ha ghalih u rrapurtah. Il-gwardjan tal-kunvent ordnalu li jmur jigbor il-karita' minghandu ukoll. Injazju obda, izda meta rritorna lura l-kunvent u ferra' il-kontenut ta' l-ixkora hareg id-demm. "Dan huwa d-demm tal-foqra li dak is-sinjur selah bis-self ta' l-imghax gholi tieghu." Meta s-sinjur sema' b'dan ikkonverta u radd lura dak kollu li seraq.

Bosta mirakli ohra huwa ghamel u kienu kawza li whud biddlu hajjithom. Lejn tmiem hajtu huwa tilef id-dawl u fis-17 ta' Mejju 1781 huwa miet.